MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2009

Numru. 194/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**Vs**

**KHALED AWAD ta’ 27 sena, iben Hamid u Amna imwieled is-Syria fit-18 ta’ Mejju 1981 detentur tal-karta ta’l-identita’ numru 0026463(A) u residenti Flat 2, St. Anthony Flats, Triq is-Sardinell, Bubaqra l/o Zurrieq.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Khaled Awad li permezz taghha huwa gie akkuzat talli:

Fit-23 ta’ Dicembru 2008, fi Triq Zerafa gewwa l-Marsa, ikkommetta serq ta’ kaxxa mimlija ghodda ta’l-idejn u

zewg *power tools* minn vettura tal-Marka Mazda 323 bin-numru ta’ registrazzjoni BAI 524, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi il-€232.94, izda anqas €2329.38, bil-mezzi meta sar minn go vettura jew vetturi f’post pubbliku jew f’post accessibbli ghal pubbliku jew fuq xi parti jew accessorju ta’ jew fuq xi haga li tkun go dik il-vettura bi ksur ta’l-artikolu 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u artikolu 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’detriment ta’ terzi persuni.

U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi f’dawn il-gzejjer, xjentement xtara jew laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwisti b’reat sew jekk dan sar Malta jew barra minn Malta. Jew xjentement b’kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezzi u bil-valur.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghet il-provi.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tal-4 ta’ Marzu 2009 sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet lill-imputat jammetti it-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi dwar it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat jidher li ma hemmx kontestazzjoni billi l-imputat irregistra ammissjoni ghal dina l-akkuza u dana fi stadju bikri ta’ dina l-kawza. Jibqa’ ghalhekk sabiex din l-Qorti tara jekk l-imputat jistax jinstab hati ta’l-ewwel akkuza u cioe’ ta’l-akkuza tas-serq.

Illi mill-provi migjuba f'dana il-kaz jemergu is-segwenti fatti. Illi fit-23 ta' Dicembru tas-sena 2008 sehhet serqa minn gewwa vettura fil-Marsa proprjeta ta' certu Ahmed Alhalal. F'dina il-vettura kien hemm xi ghodda li ghalhekk insterqet ukoll li kienet tikkonsisti f' *driller, chaser*, *grinder* u kaxxa ta'l-ghodda kulur blu mimlija diversi bicciet tal-ghodda fosthom *spanners*, turnaviti, viti u accessorji ohra. Izda ir-rapport lill-pulizija dwar dina is-serqa sar madwar xahar u nofs wara u cioe' fil-11 ta' Frar tas-sena 2009 u dana wara illi dana Alhalal ighid illi cempillu kuginuh certu Isa Al Mohammed u infurmah illi l-imputat kien avvicinah u talbu hamsin ewro sabiex imur igiblu il-kaxxa ta'l-ghodda minn ghand wiehed Libjan. L-imputat madanakollu ma riedx jindika min kienet dina l-persuna ta' nazzjonalita' Libjana u ghalhekk sar ir-rapport lill-pulizija. Fil-fatt jirrizulta mill-provi anke kif ammess mill-imputat stess illi huwa xtara dina l-ghodda ghal prezz ta' hamsin ewro. Wara dana ir-rapport il-pulizija marru fir-residenza ta'l-imputat u sabu il-kaxxa ta'l-ghodda u id-*driller* fil-pussess ta'l-imputat. Ghalkemm l-imputat jindika illi huwa xtara dina l-ghodda minn ghand persuna Libjana madanakollu huwa ma jindikax min hija dina l-persuna. Alhalal ighid illi l-ghodda kienet tieghu u li l-vettura in kwistjoni li insterqet kien juzaha hu biss.

Illi l-Qorti tosserva illi hemm hafna dubbji ghar-rigward ta' dak li sehh rejalment f'dan il-kaz. L-ewwelnett jirrizulta illi ghalkemm is-serqa sehhet f'Dicembru, madanakollu il-persuna derubata ghamlet ir-rapport kwazi xahrejn wara meta huwa gie infurmat mill-imputat illi kellu dina l-kaxxa tal-ghodda fil-pussess tieghu. Illi ghalkemm l-imputat jindika illi xtara dina l-kaxxa ta'l-ghodda min ghand wiehed Libjan madanakollu fl-ebda mument ma ried jisvela min kienet dina l-persuna. Fil-fatt quddiem il-Qorti huwa jistqarr illi lil dana il-Libjan ma kienx jafu izda xorta wahda dana kien cempillu fuq il-mobile sabiex ibieghlu dina l-kaxxa ta'l-ghodda. Illi huwa kemmxejn stramb ukoll kif ghalkemm l-imputat ma kienx jaf bil-fatt illi kienet sehhet is-serqa mill-vettura ta' Alhalal, xorta wahda huwa mal-ewwel cempel lil kuginuh sabiex jinfurmah illi kien sab dina l-kaxxa tal-ghodda ghand dana il-Libjan u kien gharafha.

Illi maghdud dana kollu madanakollu ma hemmx l-icken prova fl-atti tal-kawza li jista jistabbilixxi ness bejn il-persuna ta'l-imputat u is-serqa mill-vettura ta' Alhalal. Kif diga gie sottolinjat iktar 'il fuq  ir-rapport dwar is-serqa sar madwar xahrejn wara u ghalhekk xejn ma seta' jigi ippreservat mix-xena tad-delitt, l-ebda impronti digitali ma setghu jigi elevati mill-vettura u lanqas hemm prova dwar xi sgass. L-unika prova li tezisti hija s-sejbien tal-kaxxa tal-ghodda fil-pusesss ta'l-imputat, fejn l-imputat jikkontendi illi dina giet ghandu peress illi huwa akkwistaha minn ghand wiehed Libjan li lanqas biss jindika min hu.

Illi fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali ghalhekk il-Qorti certament ma tistax issib htija ghar-rigward tar-reat tas-serq. Huwa minnu dak li tikkontendi l-prosekuzzjoni, illi l-imputat ma jaghtix spjegazzjoni plawsibbli ghal mod kif dina l-kaxxa tal-ghodda giet fil-pussess tieghu, izda dana l-fatt wahdu certament ma jistax iwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-imputat huwa hati tar-reat ta' serq u dana lil hin minn kull dubbju dettat mir-raguni u ghalhekk l-imputat ser jigi liberat minn dina l-akkuza.

Illi fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-imputat u fid-dawl ukoll tal-provi migbura f'dana il-process, l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu u cioe' dwar ir-reat tar-ricettazzjoni. Illi id-derubat Alhalal jikkontendi illi l-oggetti misruqa  jammonta b'kollox ghal madwar Lm250 u li dawn l-oggetti kienu ilhom ghandu xi ftit taz-zmien, izda ma jipproduci l-ebda ricevuta sabiex il-Qorti tista' tasal sabiex tistabbilixxi l-valur reali ta' dawna l-oggetti b'mod specjali il-kaxxa tal-ghodda li instabet fil-pussess ta'l-imputat. Illi ghar-rigward tad-*driller* li ukoll gie elevat minn ghand l-imputat, id-derubat iddikjara quddiem il-Qorti illi ghalkemm gharaf il-kaxxa tal-ghodda bhala tieghu, madanakollu huwa ma setax igharaf id-*driller* bhala l-istess wiehed li kien insteraqlu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija

maghmula mill-imputat ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u il-fatt illi huwa irritorna l-oggetti li xtara lill-pulizija. Inoltre peress illi l-valur ta' dawn l-oggetti ma giex determinat b'mod sodisfacenti, il-Qorti ghalhekk bhala valur ma tistax tasal ghal konkluzjoni illi l-kaxxa tal-ghodda u id-*driller* li instabu fil-pussess ta'l-imputat jiswew aktar minn mitt lira u cioe' aktar minn €232.94.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza, issibu hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkomettiex reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------